MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 2699/2002

**Jason Camilleri**

**vs**

**Chairman Korporazzjoni Enemalta**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Novembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' erba' mija u sittin lira Maltin (Lm460) rappresentanti hsarat ikkagunati f'kumpressur ta' cooler ta' fridge li jinsab fil-fond J&M Self-Service, Mosta Road, San Pawl il-Bahar u dana wara li fil-granet tas-26,27 u 28 ta' Gunju 2002, il-provvista tad-dawl tbaxxiet ripetutament minghajr ebda pre-avviz.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali datata 25 ta' Lulju 2002 u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenutipprezentata fl-10 ta' Dicembru 2002 li permezz taghha huwa eccepixxa illi t-talba attrici hija infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt in kwantu l-korporazzjoni Enemalta mhijiex responsabbli ghad-danni allegati ai termini ta'l-artikolu 14 tal-Kapitolu 272 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra d-digriet tal-5 ta' Frar 2003, li permezz tieghu giet awtorizzata l-korrezzjoni fil-korp ta'l-avviz fis-sens illi il-granet 26,27 u 28 ta' Gunju 2002 gew mibdula bil-granet ta' bejn l-20 u it-23 ta' Gunju 2002.

Sema' x-xhieda ta' l-attur, kif ukoll ta' William Zammit u Carmelo Attard, kif ukoll ta'l-Inginier Patrick Borg Cardona in rappresentanza tal-Korporazzjoni konvenuta.

Ra n-nota ta' sottomissjonijietipprezentati mill-kontendenti.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti u cioe' id-Dokumenti JC1, Jc2 u Jc3, konsistenti fi stima u ricevut in konnessjoni mat-talba attrici.

Ikkunsidra,

Illi l-attur jallega illi fil-granet ta' bejn l-20 u it-23 ta' Gunju tas-sena 2002, kienet tbaxxiet il-provvista ta'l-elettriku fl-inhawi fejn huwa jiggestixxi in-negozju tal-familja tieghu bl-isem J&M, Mosta Road, San Pawl il-Bahar, bil-konsegwenza illi kien gralu hsara fil-magna tal-*cooler* li hemm gewwa l-hanut, liema magna inharrqet, Huwa jallega illi ma kien inghata l-ebda pre-avviz min-naha tal-Korporazzjoni illi kien ser jigri dana sabiex huwa ikun jista' jiehu l-prekawzzjonijiet. Il-mutur kellu jinbidel peress illi t-*technician* tal-hanut Flamingo minn fejn kien inxtara dan il-*cooler*, kien infurmah illi il-mutur ma setax jissewwa. Huwa ighid illi dawn it-tiswijiet swew l-ammont ta' Lm443 u ezebixxa id-dokumenti JC1 sa JC3 in sostenn tat-talba tieghu. Dana il-*cooler* kien inxtara mill-attur madwar sena qabel l-incident mertu tal-kawza.

Illi dawn id-dokumenti gew ikkonfermati minn rappresentanti tad-ditta Flamingo u cioe' minn Walter Zammit, impjegat bhala *service manager*, kif ukoll mit-*technician* li acceda fuq il-post u ezamina l-kompressur in kwistjoni. Illi dawn ix-xhieda kienu tal-fehma illi kien ikun iktar ghaqli li l-kumpressur jinbidel minflok jissewwa u dana peress illi sabiex l-istess kumpressur jissewwa l-ispiza kienet tkun daqslikieku jigi mibdul. Fl-opinjoni taghhom il-hsara fl-imsemmi kumpressur giet ikkagonata minhabba *voltage fluctutation* u cioe' minhabba il-fatt illi jinqata' d-dawl, imbaghad tigi provvista qawwija f'salt. Dana setghu jikkonstatawh mill-fatt illi l-*coils* tal-kumpressur kienu mahruqa minhabba *over-heating*, liema *over-heating* setghet giet ikkagunata minhabba din ir-raguni u cioe' minhabba voltage fluctuation.

Illi it-tezi konvenuta issostni illi fil-granet indikati mill-attur u cioe' bejn l-20 u it-23 ta' Gunju ma kien gie rapportat l-ebda hsara la fil-*high tension* u lanqas fil-*low tension*. Lanqas kien hemm xi hsara fis-*sub station*. Dana jikkonfermah l-Inginier Patrick Borg Cardona li huwa stazzjonat fl-areas ta' tas-Sliema, B'Kara u il-Qawra u dana mir-*records* mizmuma mill-Korporazzjoni. Minn dawn ir-*records* lanqas irrizulta illi kien hemm xi ilmenti minn nies ohra rigward hsarat, kif solitu jigri meta ikun hemm xi hsara fil-provvista ta'l-elettriku.

Illi mill-aspett legali l-konvenut isostni illi huwa ma huwiex tenut iwiegeb ghal din it-tip ta' hsara lmentata mill-attur u dana a tenur ta'l-artikolu 14(2c) tal-Kapitolu 272 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi illi:

"Enemalta ma tkun responsabbli ghal ebda hsara lil persuna jew proprjeta' jew ghal xi twaqqif fil-provvista ta'l-energija li jkunu graw minhabba incident li ma setax jigi evitat, tqabir u kedd bl-uzu xieraq jew tghabija zejda minhabba l-konnessjoni ta' apparat mhux awtorizzat jew minhabba l-htigijiet ragonevoli tas-sistema elettrika, jew minhabba xi difett f'xi stallazzjoni elettrika mhux provduta mill-Korporazzjoni."

Ikkunsidra,

Illi l-provi imressqa mill-attur wahedhom ma jistghux iwasslu sabiex tigi stabbilita xi responsabbilta da parti tal-konvenut. Illi ghalkemm l-attur jallega illi fil-granet ta' bejn l-20 u it-23 ta' Gunju 2002, kien tbaxxa id-dawl, pero' huwa ma irnexxielux jipprova illi dana sehh minhabba xi raguni imputabbli lill-Korporazzjoni konvenuta. Ghalkemm ix-xhieda minnu imressqa jikkontendu illi l-hsara fil-kumpressur tal-*cooler* sehh minhabba *voltage fluctuation*, huwa difficli li wiehed jistabilixxi x'kienet ir-raguni wara din il-*voltage fluctuation* u jekk din kenitx b'xi mod dovuta minhabba xi raguni imputabbli lil Enemalta. Fuq kollox l-Inginier Borg Cardona, ivverifika illi mir-records tal-Korporazzjoni ma irrizultax illi f'dik il-gurnata kien hemm xi hsara fil-provvista ta'l-elettriku u lanqas ma kienu saru ilmenti minn xi nies ohra li seta ikun indikattiv illi fil-fatt xi hsara kien hemm.

Inoltre fid-dawl ta' dak dispost fl-artikolu 14 tal-Kapitolku 272 tal-ligijiet ta' Malta, l-attur ried jipprova illi dan is-surge ta'l-elettriku sehh minhabba tortijiet imputabbli lil Enemalta, haga illi huwa naqas illi jaghmel. Illi ghalkemm it-technician Carmel Attard ikkonferma illi l-hsara giet ikkagonata minn *voltage fluctuation*, huwa ma setax jikkonkludi b'mod definittiv li dan kien il-kaz ghaliex ighid illi huwa biss fil-maggior parti tal-kazijiet illi din il-hsara tkun komptabbli ma *voltage fluctuation*. Anke fl-istima mahruga minn Walter Zammit u cioe' id-Dokument JC1, jirrizulta testwalment illi l-cooler in kwistjoni "has a bad motor compressor which was *probably damaged* by high voltage."

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici ma tirrizultax soddisfacentement ippruvata, it-Tribunal ighaddi biex filwaqt li jilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------